Kunsill Ewropew

Brussell, 17 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

EUCO 19/23

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0810 (NLE)**

ECOFIN 956
INST 370
UEM 266
CO EUR 15

**ATTI LEGALI**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW li taħtar membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW (UE) 2023/…**

**ta' …**

**li taħtar membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew**

IL-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 283(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea[1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew[3],

1 ĠU C 334, 22.9.2023 p. 1.
2 Opinjoni ta' … ta' Ottubru 2023 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
3 ĠU C, C/2023/99, 2.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/99/oj.

Billi:

(1) Is-Sur Fabio PANETTA inħatar membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għal mandat ta' tmien snin mill-1 ta' Jannar 2020. Fit-12 ta' Lulju 2023, il-President tal-BĊE informa lill-President tal-Kunsill Ewropew bid-deċiżjoni tas-Sur Fabio Panetta li jirriżenja mill-pożizzjoni tiegħu b'effett mill-1 ta' Novembru 2023.

(2) Għaldaqstant jeħtieġ li jinħatar membru ġdid tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE.

(3) Il-Kunsill Ewropew jixtieq jaħtar lis-Sur Piero CIPOLLONE, li, fil-fehma tiegħu, jissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 283(2) tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Piero CIPOLLONE huwa b'dan maħtur membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew għal mandat ta' tmien snin mill-1 ta' Novembru 2023.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …,

*Għall-Kunsill Ewropew*
*Il-President*